MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 577/1990/2

**Malcolm Harwood**

**Vs**

**Joseph Aquilina, il-Perit Arkitett Pius Busuttil, u b'digriet tat-tnax (12) ta' Gunju, 1990, gie nominat l-Avukat Dottor Hugh Peralta bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Perit Arikitett Louis A. Naudi u Lawrence Mintoff bhala Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Building and Design Consultants Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fil-bidu ta’ l-1982, il-konvenuti *proprio et nomine*, jew min minnhom, kienu gew nkarigati sabiex jigi kostruwit u mibni l-fond “Sandmark”, Triq il-Hejjeg, San Gwann, liema fond tlesta u gie abitat f’Dicembru, 1984;

Premess illi matul dawn l-ahhar tliet snin zviluppaw xquq u konsenturi fil-bini tal-fuq imsemmi fond ta’ daqs u entita konsiderevoli kif iccertifikat mill-Perit Arkitett David P. Pace fit-28 ta’ Novembru, 1989 (Dokument “A”) wara liema data s-sitwazzjoni kompliet tehzien;

Premess illi, kif jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza, il-fuq imsemmi fond “Sandmark”, Triq il-Hgejjeg, San Gwann, jew partijiet minnu, ma nbeniex/ma nbnewx u ma giex/ma gewx kostruwit/i skond is-sengha u l-arti u l-konvenuti *proprio et nomine*, jew min minnhom, ma osservawx u vvjolajtu l-obbligi kontrattwali taghhom;

Premess illi, l-attur interpella ufficjalment lill-konvenut Joseph Aquilina u lill-assenti Perit Arkitett Louis A. Naudi b’ittra ufficjali f’din il-Qorti tat-12 ta’ Dicembru, 1989, lill-konvent Perit Arkitett Pius Busuttil b’ittra ufficjali tal-25 ta’ Jannar, 1990 u lill-konvenut Lawrence Mintoff *nomine* b’ittra ufficjali ohra f’din il-Qorti tas-16 ta’ Marzu, 1990 sabiex isiru x-xoghlijiet rimedjali izda il-konvenuti Joseph Aquilina, Perit Arkutett Pius Busuttil u Lawrence Mintoff *nomine* baqghu inadempjenti kif baqa’ ukoll inadempjenti l-assenti Perit Arkitett Louis A. Naudi;

Premess illi l-konvenuti *proprio et nomine*, jew min minnhom, unikament u solidalment jew mod iehor responsabbli ghal dawn id-danni sofferti mill-attur skond ir-responsabilita` rispettiva taghhom fil-bini u kostruzzjoni ta’ l-imsemmi fond;

Premess li dan ikkawza, qieghed jikkawza u ghad ikompli jikkawza danni lill-attur;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-bini tal-fond “Sandmark”, Triq il-Hgejjeg, San Gwann, jew partijiet minnu huwa affett minn xquq u kunsenturi ta’ daqs u entita konsiderevoli;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-fond “Sandmark” Triq il-Hgejjeg, San Gwann, jew partijiet minnu ma nbeniex/ ma nbewx u ma giex/gewx kostruwit/i skond is-sengha u l-arti u l-konvenuti *proprio et nomine*, jew min minnhom, ma osservawx u vvjolaw l-obbligi kuntrattwali taghhom

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti *proprio et nomine* unikament u solidalment jew mod iehor responsabbli ghal dan u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur skond ir-responsabilita rispettiva taghhom fil-bini u kostruzzjoni tal-ffond “Sandmark”, Triq il-Hgejjeg, San Gwann, kif tiddetermina din l-istess Qorti;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

5. Tikkundanna lill-konvenut, *proprio et nomine* jew min minnhom “in solidum”, jew mod iehor ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata bhala danni;

Bl-ispejjez rispettivi komprizi l-ittri ufficjali tat-12 ta’ Dicembru, 1989, tal-25 ta’ Jannar, 1990 u tas-16 ta’ Marzu, 1990 kif ukoll tal-mandat ta’ impediment tas-safar numru 690/90 mahrug kontra l-assenti Perit Arkitett Louis A. Naudi u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit Arkitett Pius Busuttil illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-attur ma ghandu ebda relazzjoni guridika fil-konfront ta’ l-eccipjent billi ma nkarigah jaghmel xejn in konnessjoni mal-bini in kwistjoni;

2. Illi f’kull kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in kwantu l-azzjoni hija bazata fuq inadempjenza

kontrattwali, fil-konfront ta’ l-eccipjent, din tinsab preskritta a bazi ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

3. Illi fil-meritu l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghad-danni reklamati billi huwa kien inkarigat biss biex jaghamel il-pjanta u japplika ghall-permess - liema xoghol ghamlu tajjeb u korrettement. L-eccipjent qatt ma kien inkarigat mis-supervizjoni tax-xoghol ta’ kostruzzjoni tant li jidher li x-xoghol ma sarx skond il-pjanta approvata u konsegwentement il-bini mhuwiex kopert bil-permess skond il-ligi;

4. Illi inoltre u f’kull kaz, it-talba biex l-eccipjent jigi kundannat in solidu mal-konvenuti l-ohra hija bla fondament guridiku u ghandha tigi michuda;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Perit Pius Busuttil u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Aquilina illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kellhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi kienu nfondati fil-fatti u fid-dritt peress li l-konvenut ghamel xoghlu skond is-sengha u l-arti u ghalhekk ma kienx responsabbli ghal kwalunkwe diffett li setgha rrizulta;

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Joseph Aquilina u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit Arkitett Lawrence Mintoff *nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjent *nomine* kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma jirrizultax li qatt kien hemm xi relazzjoni guridika bejn l-attur u l-eccipjent *nomine*;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Perit Lawrence Mintoff u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr. Hugh Peralta bhala kuratur deputat ghall-assenti Perit Louis Naudi illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi d-domanda ta' l-attur kellha tigi michda peress illi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-inkarigu in kwistjoni ma giex moghti lill-eccipjent mill-attur u li in ogni kaz ix-xoghol ma giex esegwit taht id-direzzjoni ta' esponent;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr. Hugh Peralta *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta' Ottubru 1990 li permezz tieghu gew nominati Dr. Tonio Mallia bhala perit legali u AIC Joseph Huntingford bhala perit tekniku;

Rat id-digriet tat-22 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu l-perit tekniku (li miet fil-mori ta' din il-kawza) gie sostitwit bil-Perit Renato Laferla fl-istess inkarigu;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija periti gudizzjarji li tinsab a fol. 78 *et sequitur* tal-process u li minnhom debitament konfermata fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 1998;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Perit Louis A. Naudi li fiha huwa eccepixxa:-

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja minnu interposti jeccepixxi l-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Perit Louis A Naudi akkompanjanti n-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri, kif ukoll l-istess tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Joseph Aquilina illi permezza taghha eccepixxa:-

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja minnu interposti, jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Aquilina u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din l-azzjoni tirrigwarda *inter alia* talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita` minhabba ezekuzzjoni ta' xoghol mhux skond l-arti u s-sengha pretiza mill-attur kommittent fil-konfront tal-kuntrattur fil-persuna tal-konvenut Joseph Aquilina u tal-perit inkarigat fil-persuna tal-konvenut AIC Pius Busuttil jew ta' AIC Louis Naudi jew ta' l-Arkitett Lawrence Mintoff *qua* rapprezentant tas-socjeta` Building and Design Consultants Limited;

Ghal dawk li huma l-provi l-aktar saljenti jirrizulta illi:-

(i) Fl-1982 l-attur inkariga lill-persuni fuq imsemmija, jew min minnhom, biex jiehdu hsieb l-izvilupp tal-fond “Sandmark”, Triq il-Hgejjeg, San Gwann proprjeta` ta’ l-attur;

(ii) Ix-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni gew terminati f’Novembru 1984 (Certificate of Completion esebit a fol. 234 tal-process);

(iii) Irrizulta mir-rapport ta’ l-Arkitett David Pace (fol. 7) datat 28 ta’ Novembru 1989 illi fil-fond ta’ l-attur zviluppaw xi konsenturi konsegwenti ghal “*partial settlement*” u “*insufficient bonding of the façade*”;

Il-perit tekniku l-Artkitett Renato Laferla fir-rapport tieghu (fol. 91) eskluda difetti fil-pedamenti. B’dana kollu mill-verifiki tieghu ikkostata deficjenzi fis-saqaf tal-konkos. Inoltre jopina li dan jigri “bit-teknologija rudimentali li jsir biha l-bini ... injoranza tal-personnel operattiv, u inadegwatezza u nuqqas ta’ serjeta` fil-kontrolli, ... infiq mill-anqas u l-mentalita` tal-‘basta jghaddi’.”;

(iv) Jirrizulta li l-permess ghal bini nhareg mill-Awtorita` kompetenti fuq applikazzjoni iffirmata u sottomessa mill-konvenut AIC Piju Busuttil. B’danakollu dan il-konvenut ma kienx inkarigat mis-sorveljanza tax-xoghol u jidher li l-attur jew il-mandatarja tieghu irrikorriet ghand is-socjeta` konvenuta. Effettivament bhala fatt jidher li x-xoghlijiet gew sorveljati minn Saviour Camilleri, *draughtsman*, impjegat tas-socjeta` konvenuta. In effetti c-Certificate of Completion inhareg fuq letter head ta’ din is-socjeta` pero` taht il-firma ta’ l-Arkitett Louis Naudi. Aktar tard dan l-ahhar imsemmi perit jirrecedi mill-posizzjoni assunta minnu fl-istess Certificate of Completion datat 8 ta’ Jannar 1986 u dan permezz tad-dikjarazzjoni espressa fid-Dokument datat 20 ta’ Dicembru 1989 a fol 235, oltre ittra spjegattiva lill-attur bl-istess data (fol. 50);

(v) L-attur jistqarr fid-deposizzjoni tieghu a fol. 193 illi hu osserva l-konsenturi fl-1985, u konsentura maggura li pprejokkupatu f’Awissu 1989. Meta rrinfaccja b’dan lill-

konvenuti Aquilina u l-Perit Naudi dawn cahdu kwalsiasi responsabilita`;

(vi) Intbaghtu tliet ittri ufficjali. L-ewwel wahda datata 12 ta' Dicembru 1989 intbaghtet lill-imsemmija konvenuti Joseph Aquilina u l-Artkitett Louis Naudi. It-tieni wahda datata 25 ta' Jannar 1990 inbaghtet lill-Perit Pius Busuttil u l-ahhar wahda datata 16 ta' Marzu 1990 lis-socjeta` konvenuta Building and Design Consultants Limited. (fol. 280, 283 u 286);

(vii) Tlieta mill-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16. Dan kif jirrizulta min-Nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Arkitett Pius Busuttil a fol 14 u minn dik tal-konvenuti l-Perit Louis Naudi u Joseph Aquilina introdotta f'Nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri wara r-rapport gudizzjarju (fol. 272 u 276);

Jinkombi ghalhekk li tigi investita fl-ewwel lok din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan ghar-raguni wkoll illi skond l-Artikolu 730, Kap. 12, tali eccezzjoni ghandha tigi deciza b'kap separat billi n-nuqqas ta' decizjoni taghha, salv dak dispost fl-Artikolu 790 fejn il-kawza tkun fil-grad ta' appell, proprjament tikkostitwixxi nullita` minhabba difett ta' forma;

Jinhass opportun f'dan l-istadju li jigu puntwalizzati u sottolinejati d-doveri li b'ligi huma imposti kemm fuq il-kuntrattur, kif ukoll fuq l-Arkitett, inkarigati mill-ezekuzzjoni ta' xoghol ta' kostruzzjoni, anke ghaliex dawn bhal kull haddiehor iwiegbu ghal hsara li tigri bl-ghemil taghhom jekk ma juzawx id-diligenza, prudenza jew hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1), Artikolu 1033 tal-Kodici Civili);

Jinghad a propositu fil-kawza fl-ismijiet "**Marianna Cini pro et noe –vs- Paolo Galea et**", Appell Civili, 27 ta' Ottubru 1958, illi "ma jistax ikun hemm dubju li perit li jigi nkarigat mill-kostruzzjoni ta' fond ghandu d-dmir li jassigura ruhu illi l-kostruzzjoni tal-bini lilu fdata, specjalment ghal dak li hi solidita` issir sewwa u skond is-sengha; anzi principalment, skond il-ligi, dan id-dover

jaqa' fuqu aktar milli fuq il-bennej; u huwa l-perit dak li jassumi quddiem l-awtorita` kompetenti r-responsabilita` tax-xoghol li tieghu jkun ser jiehu d-direzzjoni. Dover ghalhekk, formalment assunt u mpost mill-ligi, tal-perit, hu dak illi juza l-abilita` u d-diligenza mehtiega biex fl-ezekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jsir li jista' jikkaguna perikolu jew hsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu ser jahdmu tahtu jkunu licenzjati, u anke jekk licenzjati, ghandu jidderiegi huwa nnifsu u jissorvelja x-xoghol, b'mod li ma jhallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengha u li jikkrejaw perikolu. Mhux bizzejjed ghall-perit li jistaqsi lill-bennej x'inhu jaghmel, imma ghandu jaccerta ruhu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli ghad-danni jekk l-ghemil tieghu juri negligenza ...";

In subjecta materja wkoll id-decizjonijiet "**Rebecca Aquilina –vs- Giuseppe Sciortino et**", Appell Kummercjali, 5 ta' Dicembru 1955; "**Il-Pulizija –vs- Perit Louis Portelli**", Appell Kriminali, 4 ta' Frar 1961; "**Edward Theuma et –vs-John Saliba et**" Appell Kummercjali, 17 ta' Novembru 1972 u "**Bonsons Limited –vs- AIC Catherine Galea**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001, fost bosta ohrajn;

In kwantu ghall-appaltatur, il-Qrati taghna kemm fid-decizjoni appena citata u riportata a **Vol. XLII P I p 517** kif ukoll fi skorta ta' ohrajn irribadew il-principju illi "l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'l quddiem" (**Mario Blackman –vs- Carmelo Farrugia et nomine**" Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972, u s-sentenzi fiha citati);

Huwa indubitat illi l-azzjoni hi wahda *"ex contractu".* Dan isib konferma mill-ispjega li jaghti r-**Ricci** ("Diritto Civile", Vol VIII para. 242) " ... *l'obbligazione dell' architetto e dell' imprenditore verso il proprietario committente dell' opera ha radice nel contratto. Ora le obbligazioni derivanti dal*

*contratto sono rette da norme diverse da quelle che regolano le obbligazioni nascenti da delitto o quasi-delitto; dunque una specie di obbligazione non puo` confondersi coll' altra.*"

Kif insenjat fis-sentenza fl-ismijiet "**Mary Vassallo –vs- Giovanni Mizzi et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April 1949, "il-htija konsiderata fl-entita` guridika taghha hi wahda; u taht dan l-aspett m'hemmx distinzjoni bejn kolpa kuntrattwali u dik akwiljana. Id-differenza bejniethom tinsab fil-<u>kawza</u> (kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni li maghha hi marbuta; l-akwiljana tippresupponi fatt li minnu titnissel *ex nunc*) u fil-<u>grad</u> (fil-kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' *culpa levis* jew *levissima*; fl-akwiljana r-responsabilita` testindi ruhha b'mod li dwarha m'hemmx grad.)";

Issa in tema ghas-suggett tal-preskrizzjoni jigi rilevat qabel xejn illi "l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali), dawk derivanti minn htija akwiljana (fejn il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn) u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin)" – "**Joseph Micallef nomine –vs- Carmelo Cassar**", Appell Civili, 27 ta' April 1953;

Jinsab precizat, imbaghad, fid-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Busuttil -vs- Emmanuele Schembri**", Appell Kummercjali, 19 ta' Frar 1954, illi "f'kaz ta' appalt, l-addebitu li l-appaltant jaghmel lill-appaltatur li huwa responsabbli ghad-danni minhabba ezekuzzjoni hazina ta' l-appalt jikkostitwixxi addebitu ta' kolpa kontrattwali, u ma fihx karattru delittwuz jew kolpuz, u ghalhekk l-preskrizzjoni applikabbli kontra l-azzjoni ghal dawk id-danni hija dik ta' hames snin." Fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet "**Carmela armla Manicolo -vs- Philip Hili**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u "**Sabrina Borda -vs- Arrigo Group of Hotels Limited et**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef Frank Camilleri, 15 ta' Jannar 1999;

Gjaladarba r-rapport bejn il-proprjetarju u l-Arkitett huwa wkoll wiehed kontrattwali, ugwalment f'dan il-kaz il-preskrizzjoni applikabbli hi dik kwinkwennali (Ara "**Camilleri -vs- Dr. Frendo**", Vol. XII p 144);

Jidher mill-osservazzjonijiet dedotti mill-kontendenti fir-rispettivi noti u trattazzjonijiet illi dan il-punt ta' l-applikabilita` tal-perjodu preskrittiv ta' hames snin huwa wiehed pacifiku.

Il-kuntrast ta' bejniethom jokkorri dwar il-punt minn meta ghandu jibda jghaddi dan it-terminu preskrittiv. Ghall-attur dan it-terminu beda jghaddi ghallanqas fil-konfront tal-konvenuti Joseph Aquilina u AIC Louis Naudi mill-ewwel sinjali tad-danni lamentati ossija s-sena 1985, anke jekk l-accertazzjoni definittiv ghal dik li hi gravita` okkorriet fl-1989. Li jfisser allura, dejjem skond din il-posizzjoni, fiz-zmien utili preskritt gjaladarba dawn il-konvenuti imsemmija gew debitament notifikati bi-ittri ufficjali (fol. 283) fit-12 ta' Dicembru 1989 u 23 ta' Jannar 1990;

Invece dawn l-istess zewg konvenuti fin-noti rispettivi taghhom ta' sottomissjonijiet (fol. 267 u fol. 312), u b'mod aktar enfatiku f'dik tal-konvenut Joseph Aquilina, jirritjenu illi gjaladarba l-azzjoni hi bazata fuq il-premessa li x-xoghlijiet ma sarux "skond l-arti u s-sengha", ergo d-dritt ta' azzjoni u d-dekorriment taz-zmien jiskaturixxi minn meta x-xoghlijiet gew mitmuma, jigifieri Novembru 1984. Din il-fehma hi kondiviza mill-perit legali fejn f'para. 36 tar-relazzjoni tieghu, ghall-preskrizzjoni eccepita mill-Perit Pius Busuttil, konsimili ghal dik hawn ezaminata u approfondita, jafferma illi l-hames snin bdew jghaddu minn meta gie certifikat li tlesta x-xoghol;

Ghal "*vexata quaestio*", krejata b'dawn iz-zewg argomenti opposti, toffri soluzzjoni d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza "**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**", 6 ta' Ottubru 2000, u fejn ukoll si trattava minn appalt;

Fiha ukoll, bhal f'dan il-kaz, kien gie sottomess mill-attur appellant illi t-terminu tal-preskrizzjoni ma setax jittiehed li

jibda jiddekorri meta jigi kompletat ix-xoghol, jew avvera ruhu l-fatt illecitu, izda invece, meta hu kien f'qaghda li jezercita d-dritt ta' azzjoni tieghu ghaliex kien proprju f'dak il-mument li skopra d-dannu;

Ghal Qorti din il-preposizzjoni kienet zbaljata. Ziedet taggungi illi "ma tistax taqbel mas-sottomissjoni illi kienet tipprevali t-tezi li biex wiehed ikollu d-dritt ta' azzjoni jrid bilfors ikun hemm vjolazzjoni ta' dritt, u biex ikun hemm vjolazzjoni ta' dritt, wiehed irid ikun konsapevoli ta' dik il-vjolazzjoni biex ikollu interess guridiku mehtieg biex jezercita dik l-azzjoni. Din is-sottomissjoni hi guridikament insostenibbli, ghaliex ghandu jkun manifest illi l-vjolazzjoni ta' dritt kien fatt storiku oggettiv li jezisti indipendentement minn jekk id-danneggjat ikunx jew le konsapevoli tad-dannu li tali fatt illecitu kien qed jarrekalu.";

Intqal dejjem f'din l-istess sentenza illi l-principju "*contra non volentem agere non currit prescriptio*" jirreferixxi biss ghall-impedimenti legali, "*e non gia ancora all' ignoranzia dei proprii diritti*" (**Vol. XXIV P I p 388**). Injoranza li trid tinftiehem fis-sens ta' non-konsapevolezza. Ara wkoll f'dan l-istess kuntest sentenza fl-ismijiet "**Joseph Chircop et -vs- Salvatore Muscat noe**", Appell, 28 ta' April 2000;

It-test allura li trid il-ligi bl-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili "kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom jorigina d-dritt ta' l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta' l-attur, u cioe` jekk din kienetx jew le f'kondizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni";

In bazi ghal dawn l-enuncjazzjonijiet tal-ligi u tad-dottrina jidhru li s-sottomissjonijiet ta' l-attur tinsab destitwita minn kull fondament;

Jifdal x'jigi stabbilit jekk il-fatti akkwiziti fil-process kienux definittivament jistabbilixxu illi l-perjodu preskrittiv ta' hames snin stabbilit bl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili kienx effettivament iddekorra;

Jirrizulta, u fuq dan il-partijiet kollha huma konkordi, li x-xoghlijiet appaltati gew ultimati f'<u>Novembru 1984</u>. Li

jfisser illi l-ksur tal-perjodu preskrittiv li kien miexi kellu jsir sa Novembru 1989. Mhuwiex lanqas kontestat illi l-ewwel ittra ufficjali mit-tlieta li ntbaghtu giet prezentata fit-12 ta' Dicembru 1989. Li jfisser li din ntbaghtet meta l-perjodu preskrittiv kien gja estint. Ma jirrizultax mill-atti l-ebda rikonjizzjoni tad-dannu biex jista' jinghad li tali rikonoxximent kien jimporta rinunzja ghal preskrizzjoni. Pjuttost il-kuntrarju, kif hekk hu koncess ukoll mil-attur u minn martu;

Fic-cirkostanzi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti Joseph Aquilina, il-Perit Pius Bussuttil u l-Perit Louis Naudi timmerita pjena akkoljiment;

In kwantu l-azzjoni giet diretta ukoll di fronte ghas-socjeta` Building and Design Consultants Limited, li ma issollevatx ukoll din l-eccezzjoni, hemm qbil ma' dak ritenut mill-perit legali f'paragrafu 34 tar-rapport tieghu fis-sens li din ma kienetx responsabbli gjaladarba l-applikazzjoni li saret ghall-otteniment tal-permess mill-ufficcju taghha ma gietx accettata. Inoltre din is-socjeta` bla ebda mod ma ntromettiet ruhha fil-progett biex jista' jinghad b'xi sikurezza legali illi l-involviment taghha kien jaghmilha passibbli ghad-danni. Din l-intromissjoni ma tirrizultax mill-atti f'din l-istanza u jekk kien hemm involviment din saret mis-singoli persuni kemm jekk kien il-Perit Louis Naudi jew id-draughtsman Salvu Camilleri.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tirrespingi u tichad it-talbiet kollha ta' l-attur bl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti kollha, ad eccezzjoni tas-socjeta` Building and Design Consultants Limited, liema socjeta` konvenuta f'kull kaz u fil-meritu lanqas ma hi responsabbli.

Hlief ghal dawk tal-konvenuti l-Perit Arkitett Louis A. Naudi u ta' Joseph Aquilina, li ghandhom ibatu l-ispejjez proprji u dawk tal-periti gudizzjarji gjaladarba huma ntavolaw l-eccezzjoni ulterjuri taghhom tal-preskrizzjoni wara li kien

gja gie mahluf ir-rapport tal-periti gudizzjarji, l-ispejjez l-ohra kollha tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------